MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 514/2004

**Gafa` Saveway Ltd**

**vs**

**Malta International Airport plc u C. Camilleri & Sons Ltd**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta` attrici fl-14 ta` Lulju, 2004, li in forza taghha, wara li ppremettiet illi:

Is-socjeta` attrici ilha ghal dawn l-ahhar ghaxar (10) snin topera l-hanut Pick 'n' Mix gewwa d-Departure Lounge tal-Malta International Airport. L-ahhar ftehim igib id-data tat-30 ta` Awissu, 1999 u kien ghall-perjodu ta` hames (5) snin li skadew fl-14 ta` Mejju, 2004;

F`April, 2004 is-socjeta` konvenuta Malta International Airport plc harget tender numru MIA/07/04, *“for the provision of a retail activity within the departures hall Malta International Airport Pick ‘n’ Mix & Ice Cream Parlour”*. Ma din it-tender kien hemm anness abbozz ta` ftehim identiku ghal dak li ffirmat l-esponenti fit-30 ta` Awissu, 1999;

Is-socjeta` attrici pprezentat tender;

Permezz ta` ittra mibghuta mis-socjeta` konvenuta u li ggib id-data tat-13 ta` Mejju, 2004 hija gharrfet lill-esponenti li t-tender li saret mill-esponenti ma gietx accettata u li kellha tivvaka l-hanut mhux iktar tard mill-14 ta` Gunju, 2004;

Kif ser jirrizulta mill-provi t-tender gie assenjat lis-socjeta` konvenuta C. Camilleri & Sons Limited u dan minkejja li s-socjeta` attrici kellha l-ahjar offerta;

Is-socjeta` konvenuta debitament interpellata baqghet inadempjenti;

Talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex;

1. Tiddikjara li l-process tat-tender numru MIA/07/04 kien vizzjat u li l-koncessjoni tal-hanut Pick ‘n’ Mix gewwa d-Departure Lounge tal-Malta International Airport ma nghatax lill-ahjar offerent skond il-kriterji stabbiliti fl-istess *tender* u f`kull kaz is-socjeta` konvenuta naqset milli tmexxi l-process ghall-ghazla ta` l-operatur tal-hanut imsemmi skond l-Avviz Legali 299 tas-sena 2003 [Public Contracts Regulations, 2003].

2. Tiddikjara nulla kull:-

(a) *letter of acceptance of tender* mahruga mis-socjeta` konvenuta Malta International Airport plc lis-socjeta` konvenuta l-ohra;

(b) koncessjoni moghtija minn Malta International Airport plc lis-socjeta` konvenuta tal-hanut Pick ‘n’ Mix gewwa d-Departure Lounge tal-Malta International Airport.

3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta Malta International Airport plc sabiex fi zmien qasir u perentorju terga` tohrog mill-gdid t-*tender* ghall-koncessjoni tal-hanut Pick ‘n’ Mix gewwa d-Departure Louge tal-Malta International Airport.

4. Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta Malta International Airport plc responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` attrici minhabba l-agir illegali u abbuziv tas-socjeta` konvenuta.

5. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` attrici jekk hemm bzonn bl-opera ta` periti nominandi.

6. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta Malta International Airport plc sabiex thallas lis-socjeta` attrici d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju li gie pprezentat fis-27 ta` Mejju, 2004 kontra l-konvenuti jew min minnhom li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Malta International Airport plc li in forza taghha eccepiet illi:

1. In-nullita` tac-citazzjoni stante li ma fihiex tifsir car u sewwa ta` l-oggett u r-raguni tat-talba kif rikjest mill-Artikolu 156(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta;

2. Is-socjeta` attrici m`ghandha l-ebda interess guridiku biex taghmel din il-kawza;

3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet kollha tas-socjeta` attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante li:

a) fl-ewwel lok, l-process tat-*“tender” de quo* mhuwiex regolat mill-Avviz Legali 299 tas-sena 2003, kif

sussegwentement amendat permezz tal-Avviz Legali 377 tas-sena 2004;

b) l-unici regoli li kellhom jirregolaw il-process tat-tender *de quo*, huma l-kundizzjonijiet stipulati fl-istess dokument, liema kundizzjonijiet gew onorati;

4. It-tielet talba attrici hija mankanti kompletament minn kull bazi u pedament legali stante li biex din l-Onorabbli Qorti taghmel l-ordni mitluba mis-socjeta` attrici, ir-rimedju mitlub mill-istess socjeta` attrici jrid ikun wiehed komminat fil-ligijiet taghna, u r-rimedju mitlub mhuwiex;

5. In oltre l-eccezzjonijiet t`hawn fuq u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-raba, il-hames u s-sitt talbiet attrici huma ukoll kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt stante li fl-ewwel lok ma kien hemm ebda agir abbussiv u illegali u li fi kwalunkwe kaz fic-cirkostanzi tal-kaz ma setax ikun hemm lok ghad-danni.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta C. Camilleri & Sons Ltd li in forza taghha eccepiet illi:

1. Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

2. Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra huma tefghu offerta ghat-tender mahrug mill-konvenuti l-ohra (tender numru MIA/07/04), u rebhu l-imsemmi tender. L-offerta taghhom rebhet it-tender b`mod trasparenti u b`mod gust;

3. Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra l-istess dokument tat-tender jindika li l-konvenuti l-ohra kienu liberi li jaghzlu kull offerta li jidhrilhom xieraq u li jeskludu kull offerta – anke dik li setghet tidher l-aktar favorevoli. B`hekk anke a bazi ta` dan biss l-azzjoni attrici ma tistax tregi;

4. Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra huma ma wettqu ebda rregolarita` li minhabba fiha huma jistghu jew ghandhom jitilfu r-rebh tat-tender;

5. Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, ghal dan it-tender ma japplikax l-AL 299/2003 peress li MIA ma taqax taht id-definizjoni ta` *"contracting authority"* li tinsab f`reg 2 ta` l-istess regolamenti. Dawn ir-regolamenti huma aktar b`sahhithom mill-iskedi li jsegwu l-istess regolamenti u fejn bejn ir-regolamenti u l-iskeda ikun hemm kontradizzjoni ghandhom jirbhu u jipprevalu l-istess regolamenti.

6. Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra l-eccipjenti ma kkawzaw ebda danni lill-atturi u ma wettqu ebda hazen fir-rigward ta` dan it-tender u ma ghandhom ebda ness legali ma` l-atturi.

7. Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra f`kull kaz l-eccipjenti ma ghandhom bl-ebda mod isofru l-ispejjez ta` dawn jew ta` xi proceduri ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat l-affidavit imressqa bhala provi;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi f`din il-kawza, s-socjeta` attrici qed tikkontesta ghoti ta` tender mis-socjeta Malta International Airport plc lis-socjeta` C. Camilleri & Sons Ltd. It-talba ghall-offerti kienet *"for the provision of a retail activity within the*

*departures hall"* tal-ajruport internazzjonali ta` Malta. Kienu hamsa l-kumpaniji li tefghu l-offerti, fosthom dik attrici u dik konvenuta, C. Camilleri & Sons Ltd. L-ajruport internazzjonali ta` Malta kien holoq sotto-kumitat biex jezamina l-offerti, u dan, wara li evaljuwa l-offerti fil-kuntest tal-htigijiet tal-ajruport u l-kundizzjonijiet tat-tender documents, irrikmanda li l-kuntratt jinghata lis-socjeta` konvenuta indikata kif fil-fatt sar. Is-socjeta` attrici qed tilmenta li l-process ta` aggudikazzjoni ghandu jithassar peress li l-offerta *"ma nghatatx lill-ahjar offerent skond il-kriterji stabbiliti"* u skond it-termini tal-Avviz Legali 299 tas-sena 2003 (Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici).

Dwar l-applikabbilita` ta` dan l-Avviz Legali, il-kumpanija konvenuta tissottometti li dawk ir-Regolamenti ma jirregolawx it-tender in kwistjoni, u dan fid-dawl tal-emendi ghall-istess Regolamenti li saru bl-Avviz Legali 377 tas-sena 2004.

Mhux kontestat li fi Skeda 3 tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici, kien hemm imnizzel l-isem tas-socjeta` konvenuta Malta International Airport plc bhala wahda mill-awtoritajiet kuntrattwali li ghandhom jamministraw ix-xiri pubbliku taghhom skond il-provizjonijiet ta` dawn ir-Regolamenti. Din is-socjeta` konvenuta tallega li l-inkluzzjoni taghha fir-Regolamenti tal-2003 kien sar bi *"zball"*, tant li meta dawn ir-Regolamenti gew emendati bl-Avviz Legali 377 tal-2004, ir-riferenza ghal Malta International Airport plc fl-iskeda 3 giet imnehhija. L-Avviz Legali 377 tal-2004, dahal fis-sehh fl-1 ta` Mejju, 2004.

Hu fatt li s-sejha ghall-offerti f`dan il-kaz saret qabel l-1 ta` Mejju, 2004, tant li l-closing date ghas-sottomissjonijiet kienet it-30 ta` April, 2004, bil-ftuh tal-offerti ipproggrammat li jsir dik il-gurnata stess fil-hdax ta` filghodu. Kwindi din il-Qorti tara li r-Regolamenti tal-2003 kienu applikabbli ghal-procedura meritu ta` dan il-kaz, peress li, sarx jew le zball, meta inharget is-sejha ghall-offerti kien jirrizulta *expressis verbis* li l-Malta International Airport kienet soggetta li ssegwi l-provvedimenti tar-Regolamenti tal-2003 dwar il-Kuntratti Pubblici. Il-Qorti tirrileva li meta gie promulgat l-Avviz Legali 377 tal-2004,

l-emendi, li suppost saru biex jikkoregu zball, ma nghatawx effett retroattiv ghaz-zmien li nharget din is-sejha ghall-offerti, izda b`dispozizzjoni espressa jinghad li kellhom jidhlu f`effett fl-1 ta` Mejju, tal-2004 jigifieri, wara li harget is-sejha ghall-offerti u wara li skada z-zmien ghal offerti; dan l-effett retroattiv, kwindi, zgur mhux se jinghata mill-Qorti meta jirrizulta car li dan lanqas ma kien fil-hsieb tal-Avviz Legali in kwistjoni.  Kwindi, l-Avviz Legali 29/03, qabel ma gie emendat fl-2004, ghandu jitqies li japplika ghal kaz in ezami.  Din il-Qorti tirrileva pero` li nonostante l-fatt li s-socjeta` attrici kienet giet mitluba tindika fejn u kif dan l-Avviz Legali ma giex segwit jew inkissru xi provvedimenti tieghu (ara verbal tal-udjenza tat-18 ta` Mejju, 2007), hi naqset li taghmel dan fis-seduti sussegwenti.  Il-Qorti wara li ezaminat ir-Regolamenti fid-dawl tal-provi, ma sabetx li s-socjeta` konvenuta agixxiet bi ksur ta` xi provvediment espress fl-istess Regolament.  L-agir taghha, pero`, jibqa` soggett ghal *judicial review* fil-kuntest tal-principji generali *in subjecta materja*.

Is-socjeta` konvenuta tissottometti li fit-termini tas-sejha ghall-offerti hi kellha *“full discretion, to reject any or all offers, even the most advantageous”* (klawsola 8 tal-Ewwel Parti tal-Kondizzjonijiet Generali tas-sejha ghall-offerti).

Din il-Qorti tibda` biex tafferma li, assoluta kemm hi assoluta diskrezzjoni moghtija lil xi awtorita` pubblika, il-Qrati taghna ghandhom dejjem u invariabilment gurisdizzjoni li jissindikaw l-ezercizzju ta` dik id-diskrezzjoni.  Kif qalet ricentement l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza **Zahra vs Malta Maritime Authority,** deciza fl-10 ta` Jannar, 2007, setgha diskrezzjonali moghtija mil-ligi ma tistax titqies wahda assoluta, u dan ghar-raguni, kompliet tghid dik il-Qorti:

*“Illi dik l-istess diskrezzjoni trid dejjem tigi ezercitata fil-limiti tal-ligi u f`dawn il-limiti li mill-gurisprudenza gew senjati ghall-ezercizzju tad-diskrezzjoni.  Primarjament, li l-Awtorita` hi tenuta timxi mhux biss “rite” imma anke “recte”.”*

Din il-Qorti, ghalhekk, taqbel u tadotta dak li qalet din l-istess Qorti, diversament presjeduta, fil-kawza **Borg vs Gvernatur tal-Bank Centrali ta` Malta** fis-sentenza taghha tal-1 ta` Marzu, 2004, (din is-sentenza giet konfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-9 ta` Marzu, 2007). Din il-Qorti ghamlet riassunt tal-mod ta` kif il-Qrati taghna jissindikaw diskrezzjoni moghtija lil xi awtorita` pubblika, u, b`mod partikolari osservat:

*"Illi kien ghalhekk li, mal-medda taz-zmien, issawru regoli li jharsu l-imsemmija setghat diskrezzjonali u kif il-Qrati kellhom iqisu l-istharrig taghhom dwarhom. Ewlenija fost dawn ir-regoli hi li awtorita` li hija moghnija b`diskrezzjoni tista` tigi ordnata tezercitaha f`kaz li tkun naqset li taghmel dan, imma ma tistax tigi dettata x`ghandha tiddeciedi jew li twettaqha b`xi mod partikolari. Biex jigi assikurat li din id-diskrezjoni kienet imwettqa, jehtieg li lill-Qorti jirrizultalha li dik l-awtorita` tassew qieset il-kwistjoni li kellha quddiemha, u li dan ghamlitu minghajr l-indhil ta` l-ebda haddiehor jew bla ma poggiet lilha nnifisha f`qaghda fejn ma setghetx jew irrifjutat li twettaq dik id-diskrezzjoni. Siewi wkoll li jigi accertat li l-awtorita` mistharrga m`ghamlitx dak li kienet espressament mizmuma milli taghmel, jew jekk ghamlitx xi haga li ma kenitx awtorizzata taghmel. Fuq kollox, l-awtorita` mistharrga trid tkun imxiet bona fede u qieset il-konsiderazzjonijiet rilevanti tal-kaz. Dawn huma, fil-qosor, il-gabra tal-kategoriji fid-Dritt Amministrattiv ta` nuqqas ta` ezercizzju ta` diskrezzjoni u ta` ecess jew abbuz ta` dak l-ezercizzju"*.

Din is-setgha gurisdizzjonali tal-Qrati ordinarji taghna – garantita mill-Kostituzzjoni – hija parti integrali mill-awtorita` ta` Qrati ta` pajjiz demokratiku kif inhu dak ta` Malta, u derivanti mill-kuncett ta` *"rule of law"* li fuqu hu bbazat l-istat Malti.

Meta wiehed jitkellem dwar diskrezzjoni, wiehed tabilfors ikun qieghed jara sitwazzjoni fejn trid issir ghazla bejn izjed minn linja wahda ta` azzjoni. Jekk m`hemmx ghazla ta` izjed minn triq wahda, allura wiehed ma jitkellimx dwar diskrezzjoni imma dwar dmir. F`dan il-kuntest, il-Qorti thoss li ghandha ticcita din is-silta li gejja minn xoghol

ewlieni f`dan il-qasam u li, fil-fehma taghha, tfisser b`mod car il-perm kollu tal-istharrig li hija mitluba taghmel f`din il-kawza. Inghad illi *"To say that somebody has a discretion presupposes that there is no uniquely right answer to his problem. There may, however, be a number of answers that are wrong in law. The exercise of a discretion may be impugned directly or indirectly. The indirect method of challenge is the more common. A person aggrieved by the exercise of a discretionary power may, instead of attacking the merits of the exercise of the discretion, contend that the repository of the discretion has acted without jurisdiction or 'ultra vires' because of the non-existence of a state of affairs upon which the validity of the exercise of the discretion depends. Or he may contend that the repository of the discretion has failed to observe the rules of natural justice (if they are found to be applicable) or other essential procedural requirements. If his contentions are successful, the court will hold the discretionary act to be invalid, and the fact that the true reason for instituting proceedings will have been his dislike of the manner in which the discretion itself was exercised is not a valid objection to the proceedings. The crucial question, however, is: In what circumstances and to what extent will the courts review the merits of the exercise of a statutory discretion which is neither made subject to appeal nor limited by the express provisions of a statute? The courts have repeatedly affirmed their incapacity to substitute their own discretion for that of an authority in which the discretion has been confided"*.

(De Smith & Evans, "Judicial Review of Administrative Action", 4a Ediz (1980) pagni 278-279).

Issa, f`dan il-kaz, ma jirrizultax li l-Malta International Airport plc hadet id-decisjoni li hadet b`mod diskriminatorju jew minghajr ezami tal-fatti kollha rilevanti. Is-sotto-kumitat mahtur biex jezamina l-offerti, ma hax id-decizjoni tieghu b`kapricc jew a bazi ta` konsiderazzjonijiet irrilevanti ghall-materja li kellu quddiemu, izda a bazi tad-dokumenti u informazzjoni ohra li ssottomettew l-offerenti.

Mill-Memorandum li s-sotto-kumitat ressaq lill-bord tad-diretturi tal-Malta International Airport Plc fit-30 ta` Mejju, 2004, jirrizulta li l-hames offerenti gew ezaminati fuq il-meritu taghhom, u fid-dawl ta` dak li riedet il-kumpanija kif enuncjat fit-tender documents. Fil-konfront tas-socjeta` attrici, jirrizulta mill-istess Memorandum, li l-offerta taghha giet skwalifikata, u dan peress li, fil-waqt li l-ajruport ried jintroduci bejgh ta` helu fuq is-sistema ta` *"pick & mix"*, din is-socjeta`, fl-offerta taghha, me qiesetx din il-kunsiderazzjoni, u l-offerta taghha kienet ghal bejgh ta` helu bil-prodott ippakkjat u lest u minn fuq l-ixkaffa.

Is-socjeta` attrici kellha gia koncessjoni ghal bejgh ta` helu mill-ajruport qabel il-hrug ta` din l-offerta, u kienet toffri ghal-bejgh il-helu daqs li kieku kien hanut normali. Meta harget is-sejha ghall-offerti l-gdida, kien car li l-management tal-ajruport ried ibiddel kif jinbiegh il-prodott u esiga li min jaghmel l-offerti jkun ippreparat li jbiegh bis-sistema tal-*"pick & mix"*. Is-socjeta` attrici, pero`, offriet biss li tkompli tagixxi kif kienet qabel. Is-sotto-kumitat ghamel dan ir-rapport fil-konfront tas-socjeta` attrici.

*"Gafa Saveway Ltd is the present incumbent and has evidentially based his workings on his present operations. It has been made clear in the tender that the requested product list is specifically to become in line with the pick and mix concept while introducing the ice-cream parlour for added flavour and more style. Unfortunately this tender had to be disqualified due to the fact that a very high percentage of products cannot be accepted. These range from biscuits, chocolates, water in bottles and juices. These products conflict with a number of other concessions. The change in product range was in fact the primary reason why the indicative minimum guarantee requested was way below the revenue being generated by the present concessionaire".*

Din il-Qorti ezaminat it-tender documents tas-socjeta` attrici u bazikament taqbel ma din l-analizi li ghamel is-sotto-kumitat. Is-socjeta` attrici ma gharfetx tapprezza l-import tal-bidla li riedet tintroduci s-socjeta` konvenuta

Malta International Airport u offriet li tibqa` toffri l-istess servizz li kienet taghti qabel.

Mal-Memorandum tieghu, is-sotto-kumitat annetta speci ta` spread-sheet li turi kif u sa fejn kull offerent issodisfa l-htiegijiet tat-tender. Il-Qorti innottat li s-socjeta` attrici ma issodisfatx tlett kriterji mill-hdax li kull offerent kien mistenni li jissodisfa. Il-kriterji kienu oggettivi u applikabbli ghal kull offerent. Fil-fatt, minbarra s-socjeta` attrici, kien hemm zewg offerenti ohra li gew skwalifikati peress li huma wkoll naqsu milli jissodisfaw uhud minn dawn il-kriterji. Il-Qorti ezaminat ir-rizultat tas-socjeta` attrici, u meta rat it-tender documents li hi issottomettiet, ikkunsidrat li s-sotto-kumitat kien gustifikat jikkonkludi li s-socjeta` attrici naqset milli tissodisfa tlett kriterji partikolari. Jidher li, fil-fatt, is-socjeta` attrici naqset li tifhem l-*"overall requirements"* tal-ajruport, u naqset li tforni business plan ghaz-zmien kollu tal-kuntratt, apparti li, kif inghad, l-ghazla tal-prodotti li offriet li tbiegh ma kienux jaqghu fil-kategorija ta` helu li seta` jinbiegh bis-sistema ta` *"pick & mix"*.

La darba l-iskwalifikazzjoni tas-socjeta` attrici kienet gustifikata, jonqos, hawnhekk, l-interess guridiku tas-socjeta` attrici li tkompli b`din il-kawza. Is-socjeta` attrici kellha interess tmexxi din il-kawza fid-dawl tal-allegazzjoni taghha li hi giet mcahhda ingustament mill-ghoti tal-kuntratt. Darba jirrizulta li dan ma kienx minnu, m`ghandha ebda interess titlob stharrig dwar jekk il-process aggudikatorju kienx gust ukoll fil-konfront tal-offerenti l-ohra. L-ezami li kellha taghmel din il-Qorti kellu bil-fors isir in kontrodizzjoni ta` min allega ingustizzja, u ma kienx lecitu li din il-Qorti tidhol biex tezamina l-offerta ta` kumpaniji ohra li ma humiex parti f`din il-procedura u ma llmentawx dwar kif ipproceda l-process aggudikatorju. Kien, ghalhekk, li din il-Qorti ma ippermettietx li jigu ezebiti it-tender documents tal-offerenti l-ohra, ghax l-esercizzju li kellha taghmel il-Qorti ma kienx li timponi d-diskrezzjoni taghha fuq is-sotto-kumitat, billi tqabbel offerta ma` ohra u timponi l-opinjoni taghha, imma biex tara jekk l-iskwalifika tas-socjeta` attrici kienetx gustifikata jew le, u dan fid-dawl tal-informazzjoni li hi stess issottomettiet ghall-konsiderazzjoni tas-sotto-kumitat. Kif intwera, il-Qorti

sabet li l-analizi li ghamel u l-konkluzzjoni li wasal ghaliha is-sotto-kumitat fil-konfront tas-socjeta` attrici kienu sostenibbli u gustifikati.

Fid-dawl ta` dan, lanqas l-allegazzjoni tas-socjeta` attrici li s-socjeta` konvenuta C. Camilleri & Sons Ltd qed tagixxi bi ksur tal-kuntratt moghti lilha ma ghandha tigi mistharga minn din il-Qorti. Jekk hu veru li din il-kumpanija qed toffri ghal bejgh prodotti tal-helu li mhuwiex relatati mas-sistema ta` bejgh *"pick & mix"* (allegazzjoni michuda mis-socjeta` konvenuta), din materja li trid taraha l-parti l-ohra fuq il-kuntratt, mhux is-socjeta` attrici. F`kaz ta` allegazzjoni ta` agir bi ksur ta` terminu f`kuntratt, huwa biss il-kontro-parti li ghandu l-interess mehtieg biex jitlob ir-rimedju opportuni, u mhux terzi li ma humiex parti fuq dak il-kuntratt.

Fid-dawl tal-premess, ma jidhirx li hu l-kaz li din il-Qorti tiddeciedi lanqas fuq l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta` konvenuta dwar in-nullita` tac-citazzjoni attrici. Ghal kull buon fini, jista` jinghad, pero`, li din il-Qorti ma taqbilx li c-citazzjoni hi nulla ghar-raguni indikata. Gie deciz, fil-fatt, li m`hijiex mehtiega ebda ghamla espressa ghall-proposizzjoni tal-azzjoni, li c-citazzjoni m`ghandhiex tigi mwaqqgha ghajr ghal ragunijiet gravi, u li bizzejjed li mic-citazzjoni jirrizulta rapport, u n-nuqqas ta` kjarezza trid tkun ta` ghamla u kwalita` tali li ccahhad b`mod serju lill-konvenut mid-difisa tieghu. Din il-Qorti izzid billi taghmel referenza ghal principji *in subjecta materja* kif indikati fis-sentenza taghha tal-15 ta` Frar, 2002, fil-kawza fl-ismijiet **Aquilina vs Malta Drydocks**.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet kollha attrici, bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------